# Il-Parroċċa tal-Mellieħa maż-Żmien



**Clifford Galea**
**EMAS, Dip.LCM, B.A (Hons) History, PGCE, M.A Baroque Studies**

Ħafna jitkellmu dwar l-oriġini ta' ħaġa jew oħra. Ovvjament il-parroċċa tar-raħal hija l-aktar ħaġa għażiża għall-poplu, jerġa' dari aktar mil-lum. Illum il-ġurnata nħossni parti mill-Melleħin, apparti kollox għandi residenza hawn u qed nagħmel ħafna ħbieb. Ma nistax ngħid li ma laqgħunix l-għeżież Melleħin, tant li sirt familjari ma' ħafna minnkom u ta' dan jien grat lejkom.

Lura fl-1436 meta l-Isqof Senatore de Mello semma l-għaxar parroċċi tal-kampanja, il-Mellieħa kienet waħda minnhom. Għalhekk f'dan is-Santwarju twaqqfet il-paroċċa tal-Mellieħa li kellha t-truf tagħha sal-Mosta. F'dawk iż-żminijiet il-gżejjer Maltin kienu ta' sikwit jiġu attakkati mill-pirati ta' Barbarija u mit-Torok. Il-Mellieħa messha sehemha wkoll minn dan il-flaġell. Fl-1551 sar attakk kbir minn xi għaxart elef Tork fuq il-gżira tagħna, taħt it-tmexxija ta' Dragut, u l-Mellieħa ġiet attakkata wkoll. Dawk il-Melleħin li rnexxielhom jaħarbu minn dan il-madmad, kollha ħarbu lejn l-Imdina u f'postijiet oħra wara s-swar.

Wara dan il-ħbit, il-Mellieħa ġiet imneħħija minn parroċċa u bdiet tagħmel man-Naxxar, peress li l-abitanti kollha Melleħin kienu telqu mill-Mellieħa u marru joqogħdu f'postijiet oħra għall-kenn.

Fl-1565 wasal l-Assedju l-Kbir, u l-Maltin kollha ħtiġilhom jieħdu kenn fil-Birgu, l-Isla u l-Imdina. It-Torok ukoll inġabru madwar dawn il-fortizzi u għalhekk Don Garcia de Toledo seta' nhar is-7 ta' Settembru, jiżbarka l-qawwiet ta' għajnuna li ġab minn Sqallija, l-hekk imsejjaħ "grande soccorso". Don Garcia żar ukoll dan is-Santwarju.

Wara li għadda l-Assedju l-Kbir u beda jgħaddi ż-żmien, in-nies reġgħu bdew jinżlu joqogħdu fil-Mellieħa. Fl-1584 dan is-Santwarju beda jieħu ħsiebu Patri Agostinjan biex iwaqqfu f'kunvent tal-Ordni tiegħu. Bit-tħabrik ta' dan l-imsemmi reliġjuż u l-patrijiet sħabu, is-Santwarju ġie 'l quddiem ħafna, u ma kinitx nieqsa d-devozzjoni tal-fidili lejh. B'danakollu fl-1587, is-Santwarju ġie issa fdat f'idejn is-saċerdot Dun Bennard Cassar, u fl-1603 Dun Bennard ġie maħtur Rettur.

Fl-1614 reġa' sar ħbit ieħor mill-furbani, u l-Mellieħa ġiet attakkata bl-aħrax. Minkejja l-qlubija tal-bdiewa Melleħin immexxija mir-Rettur li offrew reżistenza qawwija, it-Torok irnexxielhom jidħlu fis-Santwarju, fejn għamlu ħsara lix-xbieha mirakoluża.

Jingħad li hawn ġrat ħaġa tal-għaġeb. Wieħed Tork, li ħabat bis-sejf għax-xbieha tal-Madonna, intlaqat minn marda qalila. Meta reġa' lura f'artu u ntebaħ li l-marda kienet kastig, talab u qala' l-maħfra, u l-fejqan, u b'turija ta' ħajr, bagħat ħafna xemgħa lill-Madonna tal-Mellieħa. Dan irrapurtah l-Isqof Balaguer fil-viżita pastorali tiegħu.

Ftit wara li sar dan il-ħbit mit-Torok, bi tpattija, il-Gran Mastru Alof de Wignacourt min-naħa tiegħu personali beda jmur iżur dan is-Santwarju Mellieħi kull nhar ta' Sibt. Minn hawn il-qima lejn dan is-Santwarju bdiet tikber, u fl-1669 f'din il-knisja ġiet iffurmata l-Konfraternità tar-Rużarju, u l-grazzji bdew jinqalgħu ta' spiss.

Fl-1688 is-Santwarju twaqqaf f'benefiċjali. L-ewwel benefiċjat kien it-twajjeb Dun Ġan Pawl Bartolo, li nħatar fl-1690. Imbagħad, fl-istess sena, ċertu Sqalli, Mario De Vasi, neguzjant tal-inbid minn Sirakuża, kabbar u żejjen il-knisja, għamel l-istatwa li hemm fil-kripta t'isfel, kif ukoll bena dar għar-rettur u kmamar fejn jistrieħu l-pellegrini. Fl-1747 dan is-Santwarju reġa' ġie mkabbar.

Fl-1844, fi żmien l-Isqof Caruana, il-Mellieħa reġgħet saret parroċċa, bil-bolla tal-Papa Girgor XVI, minkejja li l-Parroċċa tan-Naxxar irreżistiet għal din id-deċiżjoni tal-Isqof ta' dak iż-żmien. L-ewwel Kappillan kien Dun Pawl Le Brun. B'hekk il-parroċċa Melleħija reġgħet issaħħet u llum il-ġurnata hija popolari ħafna anke mal-Knisja Maltija tant li meta jkollna viżti Papali, mill-ewwel tkun inkluża fil-lista ta' viżti li jsiru, minħabba d-devozzjoni li l-parroċċa Melleħija għandha. Jien nieqaf hawn billi nawgura minn qalbi lilkom ilkoll il-festa t-tajba mimlija mħabba u ġid ad unur il-padruna tagħna Marija Bambina. Awguri!